# Tribunal Industrijali

Decizjoni Numru 1487

Kaz Numru 1790

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Olivia Sammut

u

VF Malta Limited
Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

Data: 19 ta' Frar,2004

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal minn Olivia Sammut traamite it-Taqsima Manifattura u Intraprizi fi hdan il-General Workers Uniion permezz ta'Dikjarazzjoni prezentata fl-1 ta' Awissu 2003 fejn l-appellanti sostniet li t-tkeccija taghha mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida skond il-ligi u ghalhekk talbet li l-kaz taghha jinstema' minn dan it-Tribunal sabiex tinghata decizjoni finali skond il-ligi fir-rigward. Is-socjeta' intimata cahdet dan u rriteniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti saret ghal raguni valida u skond il-ligi.

It-Triibunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata miz-zewg partijiet, zamm haames (5) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat. Ha konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet finali prezentati miz-zewg partijiet rispettivament.

**Fatti tal-Kaz**

L-appellanti kienet ilha impjegata mas-socjeta' intimata madwar sentejn. Hija tkecciet mill-impjieg fis-16 ta' Lulju 2003 (Dok. OS2) wara ncident li nqala' fl-14 ta' Lulju 2003. Fl-imsemmija data l-appellanti kienet xoghol ghax-*shift* ta' bejn is-2.00pm u l-10.00pm. Mill-provi rriziulta li dakinhar hija telqet madwar siegha qabel, u cioe' ghal habta tad-9.00pm, minghajr ma talbet permess lis-*supervisor* taghha sabiex taghmel hekk u minghajr ma ppuncjat qabel ma telqet.. Irrizulta li dak iz-zmien il-haddiema kienu jippuncjaw biss meta jidhlu, jekk jahdmu shift ta' tmien sighat.. Kien biss fil-kaz li jitilqu qabel it-tmien sighat li huma kellhom jippuncjaw. Emanuel Baldacchono li kien is-*security guard* li kien xoghol fl-14 ta' Lulju 2003 ikkonferma li l-appellanti kienet telqet fid-9.00pm u kienet qaltlu li kellha siegha *leave*. L-appellanti tikkonferma li dakinhar hija telqet qabel izda tghid li l-hin kien id-9.30pm u mhux id-9.00pm kif min-naha l-ohra qed tallega s-socjeta' ntimata. L-istess appellanti tammetti fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha li dakinhar hija kienet infurmat lis-*security offficer* li kellha l-permess sabiex titlaq qabel u tghid li hija telqet kmieni ghaliex kienet qed thossha ma tiflahx.

Fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti hija kellha tmien xhur tqala' u xi ftit tal-jiem wara kienet ser tohrog bil-*maternity leave*, liema *maternity leave* kien gie debitament approvat mis-socjeta' intimata skond ma jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok. OS1 (anness mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-appellanti).

L-impjieg tal-appellanti gie terminat mis-socjeta'' intimata minhabba dan l-incident tal-14 ta' Lulju 2003 kif jirrizulta mill-ittra mmarkata bhala Dok. OS2.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-socjeta' intimata tirritjeni li l-agir tal-appellanti kien jammonta ghal irresponsabilita' kbira da parti taghha u kien jiggustifika l-mizura dixxiplinari li ttiehdet fil-konfronti taghha ammontanti ghat-terminazzjoni tal-impjieg. Waqt is-smiegh tal-kaz is-socjeta' intimata enfasizzat l-importanza tar-regolament li l-haddiema kellhom dejjem jipppuncjaw meta jitilqu qabel it-tmien siighat *shift*. Dan ir-regolament kien imnizzel fil-*punch cards* tal-impjegati fejn kien hemm indikat ukoll li kienu jittiehdu passi dixxiplinari li setghu iwasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg f'kazijiet fejn jirrizulta li impjegat kien telaq

qabel il-hin minghajr ma ppunccja. Is-socjeta' intimata tippuntwalizza li fl-14 ta' Lulju 2003 l-appellanti kienet tellqet qabel il-hin minghajr permess u minghajr ma applikat ghall-*leave*. Is-socjeta' intimata issostni wkoll li wara li l-appellanti tkecciet mill-impjieg gie konstatat li din, u ciioe' l-incident tal-14 ta' Lulju 2003, ma kienitx l-ewwel darba li l-appellanti telqet minn fuq il-post tax-xoghol qabel il-hin. F'dan ir-rigward l-appellanti tichad li hija qatt telqet minn fuq il-post tax-xoghol qabel il-hin mighajr permess jew minghajr ma applikat ghall-*leave*. Apparti l-fatt li t-terminazzjoni tal-impjieg saret biss abbazi tal-incident tal-14 ta' Lulju 2003, it-Tribunal jirritjeni li s-socjeta' intimata fi kwalunkwe kaz ma resqitx provi sufficjenti ntizi sabiex jippruvaw li l-appellanti kienet telqet minn fuq il-post tax-xoghol qabel il-hin minghajr id-debita awtorizzazzjoni. L-unika pprova intiza sabiex tipprova dan il-fatt migjuba mis-socjeta' intimata kienet ix-xhieda ta' Charles Cortis li qal li fit-3 u l-4 ta' Lulju 2003 l-appellanti kienet telqet siegha qabel minn fuq il-post tax-xoghol u dan wara li kienet qaltlu li kellha siegha *leave*. Is-socjeta' intimata ma rnexxilhiex tipprova li f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet l-appellanti ma kienitx awtorizzata mis-*supervisor* sabiex titlaq qabel u fi kwalunkwe kaz, kif diga' ntqal aktar il-fuq, it-Tribunal ma jidhirlux li dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni stante li ma ttihidx in konsiderazzjoni mis-socjeta' intimata fil-mument li ttiehdet id-decizzjoni li jigi terminat l-impjieg tal-appellanti.

It-Tribunal jifhem irr-aguni ghalfejn is-socjeta' intimata hadet l-incident tal-14 ta' Lulju 2003 bis-serjeta' u jirritjeni li l-appellanti ma kienitx korretta meta qabdet u telqet minn fuq il-post tax-xoghol qabel il-hin minghajr id-debita awtorizzazzjoni u minghajr ma segwiet ir-regolamenti imoosti mis-socjeta' intimata fir-rigward izda jirritjeni wkoll li l-mizura dixxiplinari li ttiehdet mis-socjeta' intimata ma kienitx il-mizura adegwata fic-cirkostanzi. It-Tribunal jidhirlu li hemm sproporzjon sostanzjali bejn il-gravita' tal-infrazzjoni kommessa mill-appellanti min-naha l-wahda u l-mixura dixxiplinari li ttiehdet mis-soxjeta' ntimata min-naha l-ohra. Dan jinghad ukoll fid-dawl tal-istat avvanzat ta' gravidanza li kienet tinstab fih l-appellanti. It-Tribunal jaqbel li kellhom jittiehdu passi dixxiplinari fil-konfronti tal-appellanti wara dak li gara fl-14 ta' Lulju 2003, bhal per ezempju l-ghoti ta' *warning*, izda jidhirlu li l-mizura adottata mis-socjeta' intimata kienet harxa wisq stante li l-komportament tal-appellanti ma kienx daqshekk gravi li jimmerita l-mizura estrema tat-terminazzjoni tal-impjieg. Dan jinghad ukoll in vista tal-fatt li l-appellanti qatt ma kienet inghatat *warnings* qabel la in kwantu jirrigwarda l-kwalita' tax-xoghol u l-anqas minhabba il-komportament taghha fuq il-post tax-xoghol.

**Decizjoni**

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti Olivia Sammut mis-socjeta' intimata VF Malta Limited ma saritx ghal raguni valida u sufficcjenti skond il-ligi.

**Kumpens**

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2004 l-appellanti ddikjarat li ma kienitx qed tinsisti ghal *re-instatement* fl-impjieg izda ghal kumpens. It-Tribunal qieghed ghalhekk jillikwida l-kumpens pagabbli lill-appellanti mis-socjeta' intimata fl-ammont ta' Lm1,500.00 (elf u hames mitt lira Maltin, liema ammont ghandu jithallas sa zmien ghaxart ijiem mill-llum.

**Drittijiet**

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Triiibunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**